**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY J. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru, 2018**

**Rikors nru: 154/15AGV**

A

Vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrenti fit-8 ta' Gunju, 2015 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza odjerna permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-12 ta' Mejju, 2015 (anness u mmarkat DOK.A).

2. Illi l-esponenti flimkien mal-intimat B, ghandhom tifla, C, illi twieldet fid-9 ta' Jannar, 2009 u li ghalhekk ghandha sitt (6) snin (certifikat tat-twelid anness u mmarkat DOK.B);

3. Illi r-relazzjoni taghhom spiccat u l-partijiet ilhom ighixu separatament;

4. Illi l-antecidenti tal-kaz odjern huma s-segwenti:-

(i) L-intimat qatt ma wera interess genwin li jkun parti mill-hajja ta' bintu u meta, fuq insistenza tal-esponenti, huwa kien jiltaqa' ma' bintu, ir-riluttanza li kien ihoss f'dan ir-rigward kien jimmanifesta f'negligenza serja stante li jittratta lill-minuri qisha gugarell;

(ii) Meta l-minuri C, kellha biss ftit xhur, l-intimat imbutta lill-esponenti minn fuq hajt baxx waqt li l-esponenti kienet qed izzomm lit-tarbija f'idejha;

(iii) Xi zmien wara, meta l-minuri ghalqet sena, l-intimat zar id-dar tal-esponenti. Waqt illi kien qieghed hemm, l-esponenti rceviet telefonata minghand il-genituri taghha li qalulha li kellhom imorru l-isptar. L-esponenti qalet lill-intimat illi kellha tmur l-isptar u li kellha bzonnu jiehu hsieb tal-minuri. Dan ghal ewwel irrifjuta izda eventwalment accetta. Qabel ma l-esponenti telqet, l-intimat staqsiha jekk setax jahsel lit-tifla u l-esponenti qalet iva. Meta l-esponenti waslet lura d-dar sabet lit-tifla fuq is-sodda taghha, tibki ghaliex kienet mikxufa u kiesha silg b'xoftejha blu;

(iv) F'okkazzjoni ohra, meta l-minuri kellha biss sentejn u nofs, waqt li fid-dar tal-intimat, l-intimat saqsa jekk setax jahsel lill-minuri. L-esponenti m'opponitx. Meta l-esponenti marret biex tara ghalfejn kienu qedghin idumu hija sabet sikkina kbira hdejn il-banju u "electric razor" pplaggjata tistrieh fuq l-erf tal-banju. L-esponenti hatfet lit-tifla filwaqt illi r-reazzjoni tal-intimat kienet semplicement "oops, that could have been nasty!"

(v) Meta l-minuri kellha kwazi sentejn, l-intimat siefer fuq xoghol ghal madwar disa' xhur. Huwa eventwalment rritorna lura Malta izda ma nfurmax lill-esponenti b'dan. L-esponenti saret taf biss wara li ratu b'kumbinazzjoni wara li kien involut f'incident stradali fit-triq il-Kosta.

5. Illi sfortunatament, kif sejjer jigi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza, kien hemm numru ta' incidenti ohra matul is-snin u dan sakemm eventwalment l-intimat qata' ghal kollox il-kuntatt mat-tifla minuri u minn mal-esponenti – stat ta' fatt li jezisti sallum;

6. Illi l-esponenti kienet tircievi forma ta' manteniment ghal bzonnijiet tat-tifla minuri minghand in-nannu patern tal-istess tifla u cioe' missier l-intimat, izda dan l-arrangjament informali spicca u l-esponenti ma tircievi l-ebda ghajnuna minghand l-intimat ghall-bzonnijiet ta' binthom;

7. Illi l-esponenti kienet fethet proceduri ta' medjazzjoni bl-intenzjoni li ggib stabbilita' fil-hajja ta' binthom, liema proceduri, ghalkemm inizjalment ta' tama kbira, eventwalment fallew.

8. Illi minkejja li t-tentattivi fallew, l-partijiet kienu originarjament lahqu ftehim fis-sens li l-esponent kien ser ikollha l-kustodja eskluzziva tal-minuri, C, filwaqt li l-konvenut ikollu d-dritt ta' access (limitata) ghall-imsemmi minuri;

9. Illi l-partijiet intavolaw rikors konguntiv (anness u mmarkat DOK.C) li fih esprimew l-intenzjoni taghhom kif determinat waqt il-medjazzjoni u talbu li jinghata digriet f'dan is-sens. Dan l-att pero' (ghal ragunijiet illi ser isiru cari waqt is-smiegh tal-kawza odjerna) ma kienx akkumpanjat minn kuntratt u fuq dan il-punt it-talba tal-partijiet giet michuda, ir-raguni sakemm isir ftehim bil-miktub (anness u mmarkat DOK.D).

10. Illi l-esponenti kellha ghalhekk tirritorna lura ghal medjazzjoni, din id-darba flimkien ma' abbozz intiz li jirregola l-kustodja, l-access u manteniment tat-tifla minuri C. Il-kontenut kien jirrifletti dak mitlub fl-att hawn fuq imsemmi, izda madanakollu l-intimat qatt ma rega' lura ghall-medjazzjoni u ghal din ir-raguni l-esponenti kienet sfurzata li tibda l-proceduri odjerna.

11. Illi l-esponenti tqis illi dan kollu mhuwiex fl-interess tat-tifla u (proprju ghaliex it-tentattivi taghha biex dawn jigu rizolti amikevolement fallew) hija tissottometti illi hemm lok ghal-intervent ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex l-istess Qorti tiddeciedi dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti, previa kull provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha huwa xieraq u opportun fic-cirkostanzi joghgobha:-

(i) Tordna illi l-kustodja tal-imsemmi minuri, C, bint il-kontendenti, tigi fdata eskluzzivament lill-esponenti salv access limitat lill-intimat b'supervizjoni mill-attrici;

(ii) Tillikwida u tordna illi tithallas retta alimentarja ghat-tifla minuri, C, fl-ammont ta' mhux anqas minn €200 fix-xahar u dan sabiex ikopru l-ispejjes ta' kuljum oltre nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha tat-tifla.

Rat ir-Risposta tal-intimat li eccepixxa illi:-

1. Illi riferibbilment ghal ewwel talba attrici, l-esponent jaqbel illi l-kura u kustodja tal-minuri C ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici; izda, fir-rigward ta' access tieghu ghal istess minuri l-esponent jsostni illi ma hemmx il-htiega ta' supervizjoni mill-attrici u ghalhekk l-esponent qieghed jissugerixxi access ghall-bintu minuri minghajr supervizjoni mill-attrici;

2. Illi riferibbilment ghat-tieni talba attrici, l-esponent huwa lest li jhallas is-somma ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar rapprezentanti f'manteniment ghall-minuri u nofs l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha tat-tifla.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-Ligi.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet fl-atti tal-medjazzjoni datat 12 ta' Novembru, 2014 fejn kienu ddikjaraw li qed jaqblu illi l-kura u kustodja tal-minuri C tkun fdata eskluzzivament lir-rikorrenti, filwaqt li l-access ghall-intimat jigi ezercitat fil-granet u hinijiet hekk maqbula bejn il-partijiet.

Rat id-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti fejn l-intimat gie ordnat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' €200 kull erba' gimghat, oltre nofs l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha.

Rat ir-rapport tal-Agenzija Appogg data 8 ta' Jannar, 2016, kif ukoll id-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 11 ta' Jannar, 2016, fejn gie ordnat:-

(i) Illi waqt l-access tal-missier supervizjonat, l-omm ghandha zzomm distanza ta' mhux anqas minn mitejn metru minn fejn ikunu l-missier u l-minuri u s-supervisor hlief fil-bidu u fit-tmien l-access;

(ii) Illi f'kaz ta' bzonn din l-ordni tigi infurzata mill-ufficjali tal-korp tal-pulizija;

(iii) Twissi lill-partijiet illi ksur ta' din l-ordni ser jigi kkunsidrat bhala disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti.[1]

Rat ir-rapporti tal-Agenzija Appogg datati 15 ta' Marzu, 2016,[2] 22 ta' April, 2016[3] u d-digriet ta' dina l-Qorti datat 28 ta' April, 2016[4] fejn gie ordnat illi fil-bidu tal-access supervizjonat, is-supervisor tigbor il-minuri mid-dar tal-omm u tiltaqa' mal-missier hdejn il-Knisja ta' San Gwann, b'dan illi fit-tmiem l-access il-missier ghandu jallontana ruhu minn mal-minuri hdejn il-Knisja ta' San Gwann u t-tifla tigi kkonsenjata lura ghand ommha fid-dar taghha stess.

Rat ir-rapport tal-Agenzija Appogg datat 12 ta' Awissu, 2016 u d-digriet ta' dina l-Qorti datat 16 ta' Awissu, 2016[5] fejn ordnat li l-access tal-intimat ghall-minuri jibqa' jinzamm kull nhar ta' Sibt u jkun ta' tlett sieghat peress li hafna mill-hin qed jinhela sabiex il-minuri tigi transportata d-dar u dan skond ma' rrakkomandat l-Agenzija Appogg.

Rat ir-rapport tal-Agenzija Appogg datat 12 ta' Dicembru, 2016 u d-digriet ta' dina l-Qorti datat 21 ta' Dicembru, 2016[6] fejn gie ordnat illi l-minuri ghandha jkollha aktar kuntatt mal-missier u l-familja paterna u li filwaqt li ghandu jibqa' jkun hemm access supervizjonat, ghandu jkun hemm xi sieghat ta' access mal-missier minghajr supervizjoni. L-istess Qorti ordnat illi ghandha tkun l-

[1] Ara rikors a fol. 43 tal-process u digriet datat 11/1/2016 a fol.45 tal-process.

[2] Ara Nota tal-Agenzija Appogg a fol.58 tal-process
[3] Ara Nota tal-Agenzija Appogg a fol. 61 tal-process.
[4] Ara digriet datat 28/4/16 a fol. 63 tal-process.
[5] Ara n-nota tal-Agenzija Appogg a fol. 73 tal-process u d-digriet a fol.75 tal-process.

[6] Ara nota tal-Agenzija Appogg a fol.79 tal-process, kif ukoll d-digriet tal-21/12/16 a fol.81 tal-process.

istess Agenzija Appogg li timplimenta dak kollu rrakkomandat minnha u segwita b'digriet ta' dina l-Qorti.

Rat ukoll ir-rapport tal-Agenzija Appogg datata 23 ta' Marzu, 2017 u d-digriet tal-Qorti datat 28 ta' Marzu, 2017[7], fejn fuq rakkomandazzjonijiet tal-Agenzija Appogg gie rrakkomandat illi peress li l-kontendenti kienu sabu ftehim dwar l-access minghajr l-intervent tal-Agenzija Appogg, l-access ghandu jibqa' fiss ghall-beneficcju tal-istabilita' tal-minuri, izda ma jkunx hemm il-htiega tar-rapprezentanti tal-Agenzija ghall-access b'supervizjoni peress li jidher illi l-missier qieghed ikun wahdu mal-minuri bintu.

Rat ir-rikors tal-intimat datat 9 ta' Mejju, 2017[8] u r-rikors tieghu datat 1 ta' Settembru, 2017[9] u rat ukoll id-digriet ta' dina l-Qorti datat 30 ta' Novembru, 2017[10] fejn qablet mat-talba tar-rikorrent li peress li minn meta gie ordnat li l-intimat ikollu access ghall-minuri minghajr supervizjoni, ir-rikorrenti kienet qed isib kull skuza biex ma ggibx lill-minuri, ordnat illi l-access jerga' jsir supervizjonat minnufih minn membri tal-Agenzija Appogg.

Rat id-digriet ta' dina l-Qorti datat 16 ta' Mejju, 2018 fejn gie ordnat illi, minhabba li kien hemm nuqqas ta' supervisors fl-Agenzija Appogg, ikun hemm terza persuna accettabbli ghall-omm, b'dan illi ghal ewwel laqgha l-omm tista' tkun prezenti ghal ewwel ghoxrin minuta.

**<u>IL-FATTI</u>**

1. Ir-rikorrenti tispjega illi l-partijiet bdew relazzjoni li damet xi seba' xhur u minn dina r-relazzjoni twieldet tarbija C fid-9 ta' Jannar, 2015. Meta kienu hasru, ir-rikorrenti ma kinitx ghadha taf li kienet tqila, izda meta saret taf kienu hadu d-decizjoni li jergghu jibdew ir-relazzjoni taghhom, izda ma damitx hafna.

2. Ir-rikorrenti tispjega kif l-intimat ghazel li jmur jitma' l-qtates tieghu waqt il-hlas u fil-fatt kienet qaghdet habiba maghha u anke l-ghada lanqas setghet taqbdu bit-telefon. Fl-ewwel gimghat wara t-twelid tat-tifla minuri C, iddecidew li jaghmlu tentattiv biex ighixu flimkien bhala familja, pero' r-rikorrenti kienet insistiet li l-qtates li kellu ma jkollhomx access ghat-tarbija u dan meta anke l-istess infermjeri tal-isptar kienu rrakkomandaw dan. L-intimat ma riedx jaf b'dan u ghalhekk l-koabitazzjoni ma sehhitx. Ghall-intimat il-qtates kienu jigu l-ewwel f'hajtu u dan kien aktar car meta meta t-tarbija kellha xahar marru jorqdu ghand l-intimat, izda spiccaw telqu peress li rrifjuta li r-rikorrenti thalli l-"*baby monitor*" mixghul u hi kellha bzonnha peress li l-minuri kienet ghadha tarbija ta' xahar. Ir-rikorrenti tistqarr li kien f'dan il-mument li ddecidiet li twaqqaf ir-relazzjoni taghhom ghal kollox.

[7] Ara nota tal-Agenzija Appogg a fol.86 tal-process u d-digriet a fol. 87 tal-process.
[8] Ara fol.97 tal-process.
[9] Ara rikors a fol. 123 tal-process.
[10] Ara digriet a fol.126 tal-process.

3. Minn dakinhar, ir-rikorrenti tispjega kif l-intimat allontana ruhu mill-hajja ta' bintu. Minkejja li kienet tistiedu biex iqatta' l-*birthday* jew il-Milied maghhom, mhux dejjem kien imur u meta kien imur qatt ma gab rigali lill-bintu. Imbaghad, sar missier negligenti u r-rikorrenti ssemmi diversi incidenti fejn l-intimat kien qed igorr lill-minuri b'mod negligenti, tant li darba minnhom habtilha rasha mal-hajt, ghax ma kienx qed izommha sew. Kien hemm incident fejn il-minuri C kien ghad kellha ftit granet u kien zammha 'l barra mill-poggaman. Darb'ohra, meta l-minuri kellha xahrejn, ir-rikorrenti kienet halliet il-minuri mieghu u sabitha tghoxha bil-biki u l-intimat kien spjegalha li kienet waqqghet minn fuq is-sodda.

   Incident iehor kien meta l-minuri kellha ftit xhur u r-rikorrenti tghid li kien imbuttaha bit-tarbija f'idejha, izda fortunatament ma kien gralhom xejn. Ta' hames xhur kienu marru l-bahar flimkien u r-rikorrenti kienet qed taghti l-"*breast feeding*" lill-minuri fil-karozza u peress li ma setghux jitilqu r-rikorrenti tistqarr li l-intimat kien beda jghajjat maghha.

   Episodji ohra kienu meta kien mexa diversi drabi fuq ic-cint tat-tarag ta' Ghajn Tuffieha, bit-tarbija mxengla minn idejh u meta kien hareg mill-karozza, fit-triq principali fejn kienet tghix ir-rikorrenti, pogga lill-minuri bil-wieqfa, magenb il-vettura, fuq in-naha tat-triq.

   Darb'ohra kien halla fenek li kellha d-dar ir-rikorrenti jigdem it-tarbija u kien hargilha d-demm.

   Dawn l-incidenti baqghu sejrin anke meta t-tifla kellha sena. Ir-rikorrenti tispjega kif darba kellha tmur tigri l-isptar minhabba li ommha kellha tigi rikoverata u meta marret lura d-dar sabet lill-minuri fuq is-sodda gharwiena, kiesha silg u tibki, meta suppost l-intimat kellu jaghtiha banju u jbiddlilha fl-shana peress li kienet ix-Xitwa.

4. Ir-rikorrenti tistqarr li meta C kellha xi sena u xahrejn, l-intimat kien siefer ghal xi disa' xhur u minkejja li kemm il-darba kienet tipprova tikkomunika mieghu, ma kienx jikkuntattjaha lura. Lanqas qatt ma kien jibghatilha flus u sahansitra lanqas kienet taf li l-intimat kien gie lura Malta u saret taf b'kumbinazzjoni meta ratu fit-triq minhabba li kellu incident bil-karozza.

5. Ir-rikorrenti tirrakkonta ukoll kif meta t-tifla minuri kellha madwar sentejn u nofs, kien pogga lill-minuri f'tarf il-gallerija b'riskju kbir u darb'ohra meta suppost kellu jahsel lit-tifla, sabitha fil-banju b'sikkina tas-sajd u *razor* elettriku tal-lehja mdahhal fil-plug magenb il-banju. Kien hemm incident iehor, fejn ir-rikorrenti kienet halliet lill-intimat ma' bintu l-minuri u minkejja li kienet wissietu sabiex ma jnehhix ghajnejh minn fuqha peress li kienet zghira, kienet sabitu f'kamret C jilghab b'gugarell, filwaqt li l-minuri kienet fil-kcina tipprova tigbed l-oggetti li kien hemm fuq il-mejda, inkluz tazza tal-ilma.

6. Kien hemm incident iehor, meta l-minuri C kellha kwazi tlett snin. Kien mar izurha l-intimat u r-rikorrenti kienet talbitu biex ma johrogix barra peress li kienet ix-Xitwa, izda xorta harigha u kienet xarbet il-kalzetti.

7. Ir-rikorrenti tispjega kif meta l-minuri C kienet bdiet l-iskola, kienet ilha ma taraha lill-missierha ghal cirka xi sena, u kienet marret lura mill-iskola, isaqsi minn kien missierha. Kien ghalhekk li kienet talbet lill-intimat biex imur iqatta' ftit hin ma' bintu biex tidrah. Kien mar ghal ftit u beda jghid lit-tifla li hu mhux missierha, izda ommha.

8. Fis-sajf 2012, ir-rikorrenti tispjega illi kienet ghamlitha cara lill-intimat, li kien ahjar ghall-binthom, jekk jiffissaw bejniethom, granet u hinijiet fissi ghall-access, milli fuq inizjattiva taghha u jekk l-affarijiet kienu jimxu sew kienet disposta li thallih johrogha wahdu u anke jraqqadha mieghu. Kienu ftehmu li jezercita l-access kull nhar ta' Tlieta, izda kien mar l-ewwel darba, it-tieni darba nesa' jmur u mat-tielet darba kien ikkancella. Kienet imbaghad stiednitu darba ohra biex imur sal-bahar maghhom, u meta ra lill-bintu tilghab mal-hbieb qabad u telaq. Minn dakinhar ma weriex aktar interess biex jara lill-bintu lanqas fil-birthday, jew Milied jew l-Ewwel tas-Sena u lanqas jmantniha u kien ghalhekk li ddecidiet li tiftah il-proceduri ta' medjazzjoni.

9. Ir-rikorrenti tispjega kif kienu ftiehmu li jibdew jiltaqghu l-Appogg u jara lil C ghal siegha u nofs bl-iskop li jkun hemm supervizjoni, izda ma tantx ghogbitha l-atmosfera. Gara li l-intimat qatt ma kkonferma l-appuntament li kellhom l-Appogg u ghalhekk qatt ma gie ezercitat l-access hemm. Kienu mbaghad ftehmu li jibdew jitlaqghu Golden Sands kull nhar ta' Hadd ghal saghtejn, imma f'okkazzjoni minnhom, kien ha lill-minuri timxi fuq il-blat u l-istess minuri ma riditx taraha lill-missierha aktar. Imbaghad ftehmu li jiltaqghu nhar ta' Hadd aktar vicin id-dar taghha. Kien hemm okkazzjoni fejn kienu ftehmu li jiltaqgu l-bandli ta' Tigne', imma jidher li l-intimat qatt ma deher, minkejja li insista li kien cemplilha u allega li ma kinitx irrispondiet it-telefonati tieghu. Minn dakinhar l-intimat lanqas baqa' jidher ghal-laqghat ta' medjazzjoni.

10. Kienu ppruvaw jergghu jiltaqghu u darba marru jieklu Piccolo Padre, izda l-minuri C regghet talbet lill-ommha biex ma tiltaqax ma' missierha. L-istess rikorrenti ddecidiet li ma taghmilx pressjoni fuq bintha u minn dakinhar l-intimat m'ghamel l-ebda tenattiv biex jiltaqa' ma' bintu, lanqas ma baghtilha manteniment, hlief ghal xi flus li kien jibghatilha missieru. Il-bzonnijiet tal-minuri kienu zdiedu minn mindu tfarrfret u r-rikorrenti tghid li jirnexxielha tkampa minhabba l-ghajnuna tal-genituri taghha, peress li kienet ghadha kemm spiccat tistudja.

11. In kontro-ezami, ir-rikorrenti tirrakkonta incident tipiku meta l-intimat jmur jigbor lill-minuri. Qatt ma jkollu pjanijiet fejn se jehodha u hi tiddejjaq u ghalhekk ma tkunx trid tmur. Tghid li hija konvinta li t-tlieta flimkien jaqblu u ghalhekk kienet insistiet li l-access ma jsirx taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg, izda fil-presenza taghha. Kienet certa li l-intimat kien ihobb lill-bintu.

12. F, habiba tar-rikorrenti, tispjega kif kienet ilha taf lir-rikorrenti minn meta kienu zghar, ghax il-familji kienu hbieb. Kienet taf li A kienet harget tqila minghand l-intimat u li minkejja li r-relazzjoni taghhom ma kinitx wahda tajba, xorta wahda kienet ippruvat issalvaha minhabba t-tarbija, izda l-intimat kellu karattru difficli.

    Issemmi episodju fejn darba kienet marret izzur lil A u kien hemm B, li kellu lill-minuri f'idejh u kien ikkummenta "*Oh my God even a bunny is cuter than this*." Kienet ftakret f'dan il-kumment, peress li kienet baqghet skantata.

    Fi zmien li r-rikorrenti marret tghix wahedha bit-tarbija, ix-xhud tispjega li kienet tmur taraha kull gimgha u kienet qaltilha li kellha tigri wara l-intimat biex jigi jara lill-bintu u kemm il-darba kienet urietha messaggi tal-intimat fejn kien jinfurmaha li kien ser jigi jaraha lill-bintu , pero' qatt ma kien imur. Fil-fatt, tispjega li ta' sikwit kienet tohrog mar-rikorrenti u bintha, flimkien mat-tfal taghha, izda C qatt ma kienet isemmi lill-missierha.

13. Omm ir-rikorrenti D, tkompli tiddeskrivi l-attitudni tal-intimat ma' bintha u mat-tarbija C fix-xhieda taghha. Tirrakkonta kif meta bintha r-rikorrenti kienet tqila, kien hemm okkazzjoni meta kellhom jiltaqghu f'Tigne' Beach u waqt li kienet qed isuq hemm, kienet rat li r-rikorrenti jhossha hazin, ghax l-intimat kien ipparkja 'l boghod u kellha timxiha fl-ishana u f'dak iz- zmien tat-tqala kien ihossha hazin ta' spiss.

    Tispjega ukoll kif fil-gurnata li r-rikorrenti ddahhlet l-isptar biex twelled kien hemm prezenti hi u r-ragel taghha, flimkien ma' E, habiba tar-rikorrenti. L-intimat ma kienx prezenti, minkejja li f'dak iz-zmien kienu ghadhom f'relazzjoni.

    Fix-xhieda taghha semmiet ukoll okkazzjoni fejn, flimkien ma' bintha u l-intimat kienu marru jzuru lill-missier B li kellu *farmhouse* r-Rabat u l-intimat kien tahom qatgha ghax kien qed jimxi fuq il-hajt ta' sejjiegh b'bintu f'idejh bl-aktar mod irresponsabbli. Incident iehor kien meta kienet fdatlu lill-minuri sakemm marret igib xi haga u rritornat u sabet lill-minuri kwazi se tifga fiz-zerriegha tal-gheneb.Tghid li l-intimat ma ra xejn hazin, ghax hass li z-zerriegha kienet tajba ghaliha. Donnu, ghax-xhud, l-intimat kien isibha difficli biex jifhem li bintu kienet ghadha tifla u mhux adulta.

    Omm ir-rikorrenti ssemmi okkazzjonijiet fejn f'sena, l-intimat kien rah lill-bintu xi tlett darbiet u kull darba kien igibha lura minghajr qalziet ta' taht u kien ighidilha li kien inehhilhomlha peress li kienet taghmel tahtha. Kien ukoll irridikola lill-minuri fuq hwejjigha, meta kienet tiddelitta bl-ilbies.

    Ix-xhud irrakkontat kif l-intimat kien mar biex jara lill-bintu li kellha tigi rikoverata l-isptar, biss wara li kienet marret l-ewwel darba minhabba attakk tal-appendicite u meta fil-fatt mar, spicca jargumenta mal-minuri ghaliex kien beda jinkiha u harbtilha l-*plasticin* li kienet qed tilghab bih. Apparti minhekk peress li l-intimat ma kienx jara lill-bintu, circa xi sena u nofs, kienet tipprova tikkuntatjah, pero' qatt ma kien jirrispondi t-telefonati.

Fl-ahhar, omm ir-rikorrenti tikkundanna l-agir tal-intimat, meta kien irrifjuta li jhalli lill-minuri takkumpanjahom mal-bqija tal-familja, ghal vjagg f'Agriturizmu, f'Sqallija. Spicca li r-rikorrenti u bintha baqghu Malta minhabba l-intimat, li kien accetta biss meta kien fadalilhom jumejn biss vaganza. Omm ir-rikorrenti tispjega li mbaghad kien tard wisq biex bintha u l-minuri C jmorru Sqallija, ghax ma setghux isibu jikru vettura *b'baby seat.*

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ir-rikorrenti qed titlob li tigi fdata bil-kura u kustodja esklusiva tal-minuri C li twieldet fid-9 ta' Jannar, 2015, minn relazzjoni li kellha mal-intimat. Qed titlob ukoll illi jigi ffissat l-access taht is-supervizjoni taghha, kif ukoll hemm talba ghall-manteniment ghall-minuri minghand l-intimat f'ammont ta' mhux anqas minn mitejn euros (€200) fix-xahar, kif ukoll li jhallas ghal nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

**KURA U KUSTODJA**

Illi l-kontendenti kienu pprezentaw rikors konguntiv fit-12 ta' Novembru, 2014 fejn kienu talbu lil dina l-Qorti biex tikkonferma li l-kura u kustodja tal-minuri C tigi fdata esklussivament lir-rikorrenti.[11] Minkejja li l-Qorti b'digriet taghha tal-15 ta' Novembru, 2014, kienet talbet lill-kontendenti sabiex jesebixxu ftehim bil-miktub f'dan is-sens, pero' mill-atti processwali, dan il-ftehim qatt ma gie pprezentat. Jirrizulta madanakollu, li l-kura u kustodja qatt ma giet ikkontestata da parti tal-intimat, izda anke li kieku kien ikkontesta din it-talba, din il-Qorti jkollha tiddetermina x'inhu l-ahjar li jsir fl-interessi tal-minuri.

Mill-provi migbura, mic-cirkostanzi kif zviluppaw, in-negligenza tal-intimat fil-komportament tieghu mal-minuri C, l-inkonsistenza tieghu fl-access ghall-minuri u anke certi atti ta' immaturita' li xehdu fuqhom ir-rikorrenti, kif ukoll ommha u l-habiba taghha F jwasslu lil dina l-Qorti tiddeciedi li fl-ahjar interess tal-minuri C, l-kura u kustodja taghha ghandha tkun fdata lir-rikorrenti.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa tah applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Mario Darmanin vs Annalise Cassar"**deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 ntqal:

*" ...meta tigi biex tiddecidi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-meriti u demeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahjar interess tal-minuri. (vide per ezempju* ***Magro vs Bonett*** *11 ta' Dicembru 2003 u* ***Portelli vs Portelli****, 25 ta' Gunju 2003-*

[11] Ara fol.11 Dokument C

*Prim'Awla)"*

"Il-Qorti qed tiskarta t-talba ghal kustodja kongunta ghaliex bhala sistema m'hijiex prattikabbli meta il-genituri ma jiftehmux bejniethom" (**Miriam Cauchi vs Francis Cauchi**- Qorti tal-Appell, 3 ta' Ottubru 2008).

Huwa evidenti ghal din il-Qorti illi hu fl-interess suprem tal-minuri li l-attrici ommu tigi fdata esklusivament bil-kura u kustodja taghha.

**ACCESS**

Mill-provi prodotti jidher li l-problema li qatt ma ssuperaw il-kontendenti hija dwar l-access. Jidher li kien hemm zmien fejn l-intimat ma tantx kien jaghmel sforz biex jara lill-bintu u r-rikorrenti dejjem hadet l-inizjattiva biex igieghlu jara lill-bintu. L-intimat kien nieqes anke fil-mument tat-twelid tat-tarbija, moment daqshekk importanti u lanqas ma setghet taqbdu bit-telefon u kienet habiba taghha li qaghdet maghha. Il-qtates kienu aktar importanti ghalih!

Ir-rikorrenti pproduciet provi li hafna drabi l-intimat ma gabx ruhu sew bhala missier responsabbli, kien igorr lill-bintu b'mod negligenti, issemmew diversi incidenti fejn kien halla t-tifla minuri fil-banju, b'sikkina hdejha, kif ukoll razor tal-elettriku ippluggjat magenbha. Darb'ohra kien harigha mill-karozza u poggiha fil-parti tat-triq fejn kien ghaddej it-traffiku.

Omm ir-rikorrenti ukoll xehdet dwar incident fejn l-intimat kien mexa il-hajt ta' sejjieh fl-ghalqa ta' missieru bil-minuri f'idejh u kien perikoluz.

Minn mindu l-minuri kienet bdiet l-iskola, l-intimat ghamel 'l fuq minn sena ma jaraha u kienet l-istess rikorrenti li ssuggerit li biex it-tifla jkollha aktar stabbilita' f'hajjitha, ikun hemm granet u hinjiiet fissi. Kien hemm okkazzjonijiet fejn l-intimat kien jidher ghall-access u kien hemm okkazzjonijiet fejn kien inkonsistenti. Kien hemm tentattivi biex jibdew jidhru ghall-access ghand l-Appogg, izda l-intimat qatt ma kkomunika maghhom. Minhabba l-inkonsistenzi, ir-rikorrenti ma kellhiex ghazla hlief li tirrikorri ghall-Qorti.

Fil-mori tal-proceduri gew nominati diversi rapprezentanti tal-Agenzija Appogg, fejn l-access kien beda jigi ezercitat taht supervizjoni. L-access generalment kien qed jigi ezercitat kull nhar ta' Sibt ghal saghtejn. M'ghaddewx inosservati l-kummenti tas-supervisors tal-Appogg li emfasizzaw li xi kultant il-minuri kienet tghaddi kummenti fil-konfront ta' missierha, li kienu l-istess kummenti li kienet tghaddi ommha. Dan mhux agir ta' adulti maturi u fl-istess waqt jikkaguna manipulazzjoni fil-mohh tal-minuri. L-access jehtieg li jkun wiehed seren u mill-provi stess jidher li l-partijiet huma kapaci li jwettquh u l-Qorti hekk tippretendi.

F'wahda mir-rakkomandazzjonijiet, ir-rapprezentant tal-Appogg kienetssuggerit li l-access jizdied ghal tlett sieghat, kif ukoll li ghal certu hin ma kienx hemm bzonn

supervizjoni ghaliex l-intimat, bi qbil mar-rikorrenti kien qed iqatta' hin wahdu mal-minuri C. Gara pero' li meta fuq dan il-parir tal-Appogg, segwita mill-Qorti, ir-rikorrenti kienet qed isib skuzi biex iggib it-tifla ghall-access u fuq talba tal-intimat rega' ntalab li l-access jerga' jigi ezercitat taht supervizjoni.[12]

Mill-atti tal-process, gie allegat mir-rikorrenti li fis-16 ta' Mejju, 2018, l-intimat kien ilu ma jara lill-bintu ghal cirka sena u nofs, izda rrizulta ukoll li kien hemm nuqqas ta' supervisors fi hdan l-Agenzija Appogg li ghalhekk ma setghetx toffri s-servizzi mehtiega u ghalhekk ma kienx qed jigi ezercitat l-access.Il-Qorti tqis li fl-1 ta' Settembru, 2017, l-istess intimat kien ipprezenta rikors biex jitlob li l-access jerga' jigi jibda ezercitat taht supervizjoni l-Appogg, ghaliex ir-rikorrenti ma kinitx qed tikkoopera u ghalhekk jekk kienu ghaddew sena u nofs, zgur ma kienx tort totalment tal-intimat.[13] Zgur parti mill-problema hija wahda burokratika. Il-Qorti kienet ordnat li f'dawn ic-cirkostanzi ta' nuqqas ta' supervisors, l-access kellu jigi ezercitat fil-presenza ta' terza persuna accettata mill-omm u l-istess omm ghandha d-dritt li tkun prezenti ghall-ewwel ghoxrin minuta.[14]

Ma jidhrix li kien hemm xi zviluppi ohra minn dakinhar u l-intimat lanqas ma pproduca l-provi tieghu sabiex il-fatti jkunu aktar cari, jekk qed jigi ezercitat dan l-access jew le. Jirrizulta li lanqas ir-rikorrenti ma kienet fil-posizzjoni li tati aktar informazzjoni dwar l-andament tal-access.

Fid-dawl ta' dawn l-izviluppi, il-Qorti thoss li fl-ahjar interess tal-minuri, peress li llum ghaddiet aktar minn sena minn meta l-minuri u missierha l-intimat kienu ghamlu kuntatt, u dan skond ma jirrizulta mill-provi ( ghaliex dwar il-prezent, hija nieqsa minn kwalsiasi informazzjoni dwar andament iehor ), l-access ghandu jibqa' supervizjonat. Kien jidher li f'xi zmien, il-partijiet kienu mixjin tajjeb minghajr l-access taht supervizjoni, izda mbaghad mill-provi jidher li r-rikorrenti ma kinitx qed isegwi l-access kif suppost, u ghalhekk dina s-sitwazzjoni ideali, kellha terga' tisfaxxa u tigi sostitwita b'supervizjoni mill-Agenzija Appogg. Madanakollu, jirrizulta li minhabba nuqqas ta' risorsi u ghalhekk nuqqas ta'*supervisors* l-access fil-presenza ta' social worker mill-Appogg, kontra l-volonta' taghhom kellu jintemm. Il-Qorti ssuggerit alternattiva, li l-access jigi ezercitat fil-presenza ta' terza persuna accettabbli ghar-rikorrenti u hi jkollha dritt tibqa' hemm ghall-ewwel ghoxrin minuta.

Dina l-Qorti tinnota li minn dakinhar, m'ghandhiex hjiel jekk dan id-digriet qatt gie enforzat jew le, pero' ikun opportun li dan jigi segwit fl-ahjar interess tal-minuri u tenut kont li l-minuri ilha ma jkollha kuntatt mal-intimat, idealment, l-access jerga' jibda jigi ezercitat bis-supervizjoni tal-Agenzija Appogg kull nhar ta' Gimgha ghal tlett sieghat u jekk dejjem ghadha tezisti l-problema ta' nuqqas ta' supervisors, imbaghad ghandha jkun hemm terza persuna accettabbli ghar-rikorrenti prezenti ghall-access.

[12] Ara fol.100 u 123
[13] Ara fol.100
[14] Ara fol.140/141

**MANTENIMENT.**

Il-provvedimenti legali fil-Kodici Civili dwar id-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment lill-uliedhom huma s-segwenti:

**Artikolu 7.**

(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lill-uliedhom bil-mod kif stabbilit fl-artikolu 3B.

**Artikolu 19.**

(1)Fil-manteniment jidhlu l-iekel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni.

(2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu wkoll l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom.

**Artikolu 20.**

(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.

Il-partijiet genituri tal-minuri, m'humiex mizzewgin lil xulxin. L-obbligi ta' manteniment tal-ulied ta' genituri li ma jghixux flimkien, huma l-istess sia jekk il-genituri huma mizzewgin lil xulxin, kif ukoll jekk ma jkunux mizzewgin. Issir referenza ghalhekk ghall-provvedimenti tal-Kodici Civili dwar il-manteniment tal-ulied f'kaz ta' firda tal-genituri mizzewgin :-

**Artikolu 54.**

-omissis-

(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied fil-kaz ta' firda, jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-mizzewgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijiet taghhom, u ghandhom jitqiesu ukoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzewwgin u tal-ulied……….

Il-Qrati taghna konsistement irritenew illi l-quantum tal-manteniment tal-minuri pagabbli mill-genitur li ma ghandux il-kustodja tal-minuri jigi stabbilit wara apprezzament li l-Qorti trid taghmel tal-fatti migjuba quddiemha fid-dawl tal-provvedimenti legali citati 'supra'.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Angela Conti vs Lawrence Bonnici**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2015 fejn ntqal:

***"Wiehed l-ewwelnett ghandu jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel Qorti meta***

***tiffissa hlas ta' manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skont l-artikoli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas".***

Fil-kaz in ezami l-provi dwar il-mezzi tal-partijiet huma skarsi ghall-ahhar. Hadd mill-partijiet ma gab provi dwar il-manteniment, pero' jirrizulta ukoll mir-risposta tal-intimat li ma jsibx oggezzjoni li jhallas is-somma ta' mitejn (€200) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri C, filwaqt li jhallas ghall-nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, li stante c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, tordna li jkun hemm hlas ta' manteniment fis-somma ta' mitejn (€200) ghall-minuri C u l-intimat ihallas ukoll ghall-nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tafdalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri C, b'dana pero' li l-access tal-intimat ghall-minuri ghandu jigi ezercitat kull nhar ta' Gimgha ghal tlett sieghat mill-5 sat-8 pm taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg li ghandha fi zmien gimaghtejn tinforma lil dina l-Onorabbli Qorti jekk ghandhiex supervisors biex josservaw din is-sentenza. Fin-nuqqas, ir-rikorrenti ghandha taghzel terza persuna accettabbli ghaliha li tkun prezenti waqt l-access bejn l-intimat u l-minuri. L-Agenzija Appogg ghandha tigi notifikata b'din is-sentenza fi zmien gimgha millum.

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti, tiffissa l-manteniment ghall-minuri C fl-ammont ta' mitejn euro (€200) fix-xahar u tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti dan l-ammont, li jithallas kull l-ewwel tax-xahar, sakemm il-minuri taghlaq tmintax il-sena jew sakemm taghlaq tlieta u ghoxrin sena jekk tkompli tistudja fuq bazi full time, ammont li jizdied kull sena skond l-Indici tal-Inflazzjoni pubblikat mill-Gvern biex jaghmel tajjeb ghal-gholi tal-hajja, filwaqt li l-istess intimat ghandu jhallas ghall-nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri;

L-ispejjez ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet fi kwoti ndaqs.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**